MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 533/2005

**Mario P Galea (ID 522554 M)**

**Vs**

**Enemalta Corporation u b'digriet tas-7 ta` Awissu, 2006 giet kjamata in kawza s-socjeta` Schembri Infrastructures Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta` Frar, 2005, fejn intalab li l-Korporazzjoni konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' tmien mitt lira (Lm800) rapprezentanti valur ta` danni sofferti mill-attur peress illi kienet inqatghetlu l-provvista tad-dawl waqt l-organizzazzjoni ta` party nhar it-18 ta` Awissu, 2004 ghal liema nterruzzjoni tahti l-istess Korporazzjoni minhabba negligenza taghha jew ta` nies imqabbda minnha.

Bl-ispejjez inkluzi dik ta` l-ittra ufficcjali datata 23 ta` Settembru, 2004 u bl-imghax legali kontra l-Korporazzjoni konvenuta.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta datata 17 ta` Marzu, 2005 fejn ikkontestat it-talba attrici stante li l-Korporazzjoni ma ghandhiex tigi ritenuta responsabbli a tenur ta` l-Kap 272 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ra id-decizjoni in parte moghtija minn dan l-istess Tribunal datata 25 ta` Jannar, 2006 fejn giet respinta l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta u ordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-provi fuq il-meritu.

Ra illi permezz ta` digriet moghti minn dan it-Tribunal datat 7 ta` Awissu, 2006 fuq talba ta` l-attur mhux opposta mill-konvenut giet imsejha fil-kawza s-socjeta` kummercjali Schembri Infrastructures Ltd (C 17388).

Ra r-risposta ta` l-istess socjeta` kjamata fil-kawza datata 21 ta` Awissu, 2006 fejn eccepiet in linea preliminari l-preskrizzjoni biennali u fit-tieni lok u fil-meritu illi l-istess socjeta` ma kellha ebda htija ghad-danni mitluba mill-attur. B'riserva tal-prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi kollha migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ra n-nota ta` sottomissjonijiet prezentata mill-Korporazzjoni konvenuta filwaqt li gie notat li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentat ebda osservazzjonijiet finali ghalkemm kienu nghataw l-opportunita` li jaghmlu dan.

Ikkunsidra.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur jallega li fit-18 ta` Awissu, 2004 kien organizza party ta` madwar hamsin ruh li swielu xi Lm800. Spiccaw biex dan il-party sar kollu fid-dlam peress illi xi nofs siegha qabel ma kellu jibda` kienet inqaghtet il-provvista tad-dawl. Ir-ritratti kollha gew fid-dlam u xi ikel sserva kiesah. L-istess attur annetta prospett immarkat Dok. MPG 03 fejn elenka l-ispejjez li huwa nefaq, skond

hu inutilment, b’kollox Lm808.42 ghalkemm huwa qed jitlob ic-cifra tonda ta` Lm800. Dan il-prospett jinsab korroborat tramite d-dokumentazzjoni successiva.

Illi skond ir-rapport ezebit u mmarkat Dok. AA1 prezentat u mahluf mill-engineer Alan Attard irrizulta li huwa minnu li kien hemm qtugh fil-provvista ta` l-elettriku nkluz l-inhawi tar-residenza ta` l-attur u li skond hu dan gie kkawzat minn xogholijiet ezegwiti mill-kuntrattur, is-socjeta`, msejha fil-kawza kif gie spjegat f’aktar dettal fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tal-15 ta` Novembru, 2006. Li l-hsara giet kawzata minn thaffir ezegwit mis-socjeta` msejha fil-kawza gie kkonfermat ukoll tramite x-xhieda ta` Stephen Camenzuli u ta` Patrick Borg Cardona. Fil-fatt l-istess socjeta` msejha fil-kawza regghet fethet it-trinka in kwistjoni a spejjez taghha sabiex tigi msewwija din il-hsara.

Joseph Bartolo li kien il-persuna nkarigata biex jaghmel il-marki halli jigi ndikat fejn ma ghandux isir thaffir jew biex it-thaffir isir bil-galbu minhabba prezenza tal-cables sostna bil-gurament tieghu li t-thaffir sar proprju fejn gie ndikat minnu sabiex jigi evitat tali thaffir. Insista fuq dan il-fattur anke meta kontro-ezaminat. Fil-fatt skond l-istess xhud, l-impjegati tas-socjeta` msejha fil-kawza kienu stqarrew mieghu li l-cable kienu laqtugh bi zball peress li ftit qabel kienu laqtu pipe ta` l-ilma u bl-ilma kollu li kien hiereg ma setghux jaraw sew.

Uhud minn dawn ix-xhieda mpjegati tal-Korporazzjoni Enemalta, ikkonfermaw ukoll li x-xogholijiet ezegwiti mill-kuntrattur imsejjah fil-kawza kienu qed isiru fir-ring road u kwindi ‘l barra mill-gurisdizzjoni taghhom u kif ukoll li dan ta` l-ahhar ma kienx fil-fatt inkarigat mill-istess Korporazzjoni jew ta` l-anqas ma ngiebet ebda prova sostanzjali dwar min kien qabbad lis-socjeta` msejha fil-kawza. Fil-fatt kien l-istess attur li ezebixxa bhala prova l-estratt tat-Times li tirraporta dwar hsara kawzata minn *“Drainage Contractor”* gewwa r-ring road tal-Universita’.

Illi s-socjeta` kjamata fil-kawza baqghet ma gabet ebda prova in sostenn tat-tieni eccezzjoni taghha. Illi dwar l-

eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni biennali sollevata mill-istess socjeta` kjamata fil-kawza, jigi osservat illi apparti l-fatt li ma giex kwotat l-artikolu relattiv tal-ligi, jirrizulta mir-riferta in kwistjoni li ghalkemm ma hemmx data meta din giet effettivament notifikata, id-data ta` l-istess riferta ggib dik ta` l-14 ta` Awissu, 2006 u kwindi t-Tribunal ghandu jkun logikament gustifikat li jassumi li l-atti tal-kawza waslu ghand is-socjeta` msejha fil-kawza qabel l-14 ta` Awissu, 2006 u kwindi entro t-terminu ta` sentejn mid-data ta` l-incident.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi prodotti dan it-Tribunal thalla minghajr ebda dubbju li s-socjeta` msejha fil-kawza kienet fil-fatt responsabbli ghal qtugh tad-dawl lamentat u kwindi ghad-danni u hsarat li sofra l-attur.

Illi ghalkemm l-attur qed jitlob li jithallas is-somma ta` Lm800 li huwa nefaq fuq ir-riceviment, it-Tribunal sejjer jevalwa l-kwantum tad-danni allegament sofferti u dana peress illi ghalkemm jista` jkun minnu, anzi jinsab ippruvat li l-attur fil-fatt nefaq daqshekk, ma jfissirx pero` li l-flus li nefaq jistghu jigu kklasifikati bhala danni. Wara kollox ir-riceviment xorta wahda sar, in-nies xorta gew, ma tkeccewx ‘l hinn u ma jirrizultax li ntrema xi ikel jew xorb. Dana qed jinghad anke fid-dawl tal-principju legali civili li l-allegat vittma ghandu l-obbligu wkoll li kemm jista` jkun jimminimizza d-danni. Jekk wiehed jezamina sew il-prospett ezebit mill-attur ghandu jirrizulta li ftit li xejn mill-ispejjez minfuqa minnu fil-fatt tista` tghid li gew mghormija jew thallsu ta` xejn. Li forsi wiehed jista` jikkummenta u jikklassifika bhala danni setghu kienu ritratti mhux soddisfacenti minhabba nuqqas ta` dawl. Pero` anke f’dan ir-rigward l-attur naqas li jressaq il-provi relattivi fuq xi kwalita` hazina tar-ritratti – anqas ritratt wiehed ma gie ezebit. Illi fi kwalunkwe kaz pero`, t-Tribunal huwa tal-fehma, li ghalkemm l-attur naqas bis-shih li jressaq provi konklussivi dwar id-danni reali u materjali li huwa allegatament sofra per konsegwenza ta` dan l-incident sfortunat f’jum daqshekk importanti ghalih u ghal martu, sejjer jikkwantifika l-istess danni u jakkordhomlu fuq bazi ta` ekwita u kwindi qed jillikwida l-istess danni *arbitrio buon viri* fl-ammont ta` mitejn lira (Lm200).

Ghal dawn il-mottivi it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li s-socjeta` msejha fil-kawza Schembri Infrastructures Ltd kienet unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni li waslet ghal qtugh tal-provvista tad-dawl fir-residenza ta` l-attur u ghar-rizultanti danni, kwindi jichad iz-zewg eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjeta` msejha fil-kawza inkluz dik tal-preskrizzjoni ghar-raguni gia` fuq trattata. Ghaldaqstant fil-waqt li jilqa` t-talba attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta` msejha fil-kawza, qed jillikwida l-istess danni ghar-raguni fuq spjegata fl-ammont ta` mitejn lira (Lm200) u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta` msejha fil-kawza sabiex thallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta` mitejn lira (Lm200) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza nkluz dawk tal-Korporazzjoni konvenuta a karigu ta` l-istess socjeta` msejha fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------